,

# QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI
# (SEDE SUPERJURI)

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI M. GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 16 ta' Frar 2022**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 03/2016**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Kevin Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 03 tal-2016 kontra Kevin Sammut akkużat talli:

**Fl-Ewwel Kap,** reċediv f'delitt, talli fid-09 ta' Settembru 2009 u fix-xhur u l-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u

jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda,, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika d-droga f'Malta (raża cannabis u/jew il-pjanata cannabis kollha jew biċċa minnha) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Periklużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

**Fit-Tieni Kap**, reċediv f'delitt, talli fid-9 ta' Settembru 2009 fix-xhur u l-gimgħat ta qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, pproduċa biegħ jew xort'oħra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kien awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Sahha li jforni d-droga imsemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess t'awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifatura d-droga imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga

**Fit-Tielet Kap**, reċediv f'delitt, ħati talli fid-9 ta' Settembru 2009 u fil-jiem, gimgħat u xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, kien fil-pussess xjenti tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu

**Fir-Raba' Kap**, reċediv f'delitt, talli fid-9 ta' Settembru 2009 fix-xhur, u l-gimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess xjenti tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala

bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta'l-akkużat Kevin Sammut preżentata fis-06 ta' April 2016 fejn eċċepixxa:

i. In-nullita' tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuża in kawntu l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat fih dedott ma ġiex indikat kif rikjest mill-paragrafu (d) ta' l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali.
ii. In-nullita' tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' kap tal-Att tal-Akkuża in kwantu r-reati hemm dedotti ma ġewx deskritti kif miġjuba jew imfissra mill-liġi kif rikjest mill-paragrafu (d) tal-artikolu 559 tal-Kodiċi Kriminali;
iii. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni precedenti, l-inammissibilita' tal-istqarrija u l-istqarrija ġuramentata tal-esponenti kif ukoll l-inammissibilita' ta' kwalsiasi referenza għal dawn l-istqarrijiet mix-xhieda li xehedu fl-istruttorja in kwantu l-imsemmija stqarrijiet ittieħdu mingħajr ma l-esponent kien assistit minn avukat;
iv. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preġedenti, l-inammissibilita' tax-xhieda indikati mill-Avukat Ġenerali Scott Dixon, Jovica Kolakovic u Tomas Mikalauskas, kif ukoll tal-istqarrijiet ġuramentati tagħhom, in kwantu għandhom jitqiesu skont il-liġi bħala ko-akkużati.
v. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-inammissibilita' tax-xhud indikat mill-Avukat Ġenerali Jonathan Sammut in kwantu, fl-ewwel lok qatt ma xehed fl-istruttorja u fit-tieni lok, fin-nuqqas ta' indikazzjoni tal-iskop tax-xhieda tiegħu, tali xhieda għandha titqies bħala inammissibli.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 ta' Lulju 2021, limitatament fir-rigward tat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużat, li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni preliminari numru tlieta rigwardanti l-

inammissibilita′ ta′ l-istqarrija tiegħu u fir-rigward tar-raba′ eċċezzjoni imressqa mill-istess akkużat dwar l-inammissibilita' tax-xhieda indikati mill-Avukat Ġenerali u cioe′ ix-xhieda ta′ Scott Dixon, Jovica Kolakovic u Tomas Mikalauskas, kif ukoll tal-istqarrijiet ġuramentati tagħhom mhumiex xhieda ammissibli, ma ordnatx li l-ismijiet ta′ dawn ix-xhieda jitneħħew mill-lista tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali, iżda ddikjarat li tammetti lil Scott Dixon, Jovica Kolakovic u Tomas Mikalauskas bħala xhieda biss fil-każ li meta jissejjħu biex jixhdu il-każijiet kontrihom jkunu ġew definittivament deċiżi billi jkunu għaddew in gudikat jew b'mod ieħor kif previst mill-liġi.

Rat ir-rikors ta′l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fit-03 ta′ Awwissu 2021 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti Kriminali laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-akkużat Kevin Sammut rigwardanti l-inammissibilita′ tal-istqarrijiet tiegħu u minflok tikkonferma l-istess stqarrijiet bħala prova ammissibbli u produċibbli bi prova fil-Ġuri, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija u dana fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Rat ir-risposta tal-akkużat Kevin Sammut tal-24 ta′ Novembru 2021 fejn, għar-raġunijiet hemmhekk miġjuba, talab li l-appell ta′l-Avukat Ġenerali jkun miċħud u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-parti appellata tkun kkonfermata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**1**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali isib oġġezzjoni għas-sentenza tal-Qorti Kriminali meta din iddikjarat l-istqarrija rilaxxata mill-appellat Kevin Sammut bħala prova inammissibbli u nieqsa minn valur probatorju, u dan għal motiv uniku illi huwa ma kellux avukat preżenti miegħu waqt l-interrogatorju sabiex joffrilu dik l-assistenza meħtieġa filwaqt li potenzjalment seta' irrilaxxa dikjarazzjonijiet inkriminatorji u li ser jintużaw bħala prova fil-proċess kriminali istitwit kontrih. Illi l-akkużat Kevin Sammut irrilaxxa stqarrija lill-pulizija investigattiva lura fid-09 ta' Settembru 2009[1], liema stqarrija kienet imbagħad ġuramentata quddiem l-Inkwirenti aktar tard fl-istess jum[2] fejn huwa ingħata t-twissija li kienet viġenti fil-liġi f'dak iż-żmien, u allura mingħajr ma kellu jedd għal ebda forma ta' assistenza legali, la qabel u wisq anqas matul l-interrogatorju,

**2**. Illi l-Ewwel Qorti għoġobha tilqa' din l-eċċezzjoni u dan meta ddikjarat din il-prova li bi ħsiebu jressaq l-Avukat Ġenerali bħala waħda inammissibbli u dan minħabba l-fatt illi meta saru dawn l-istqarrijiet mill-akkużat, li jistgħu jkunu nkriminatorji, huwa ma kellux konsulent legali preżenti miegħu biex jassistieh. Qieset illi n-nuqqas ta' ċertezza legali fir-rigward ta' dan il-punt ta' dritt jista' jwassal għal preġudizzju u għalhekk bħala rimedju prekawzjonali tali stqarrijiet kellhom jiġu imwarrba preventivament. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha:

**"Il-ligi li akkuzat ghandu dritt ghall-assistenza legali qabel u waqt l-interrogazzjoni dahlet fis-seħħ wara li l-akkuzat gie nterrogat mill-pulizija. Din il-Qorti taghmilha cara li l-akkuzat inghata d-drittijiet li kienu vigenti fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija fejn ghalhekk ma kellux dritt ghall-assistenza legali qabel u waqt it-tehid tal-istqarrija u ghalhekk l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat mhijiex bi ksur tal-ligi li kienet in vigore dak iz-zmien li l-istqarrija giet rilaxxata.**

[1] A fol.31 et. seq. tal-atti kumpilatorji
[2] *Proces verbal* eżebit a fol.83 et seq. tal-atti kumpilatorji

**Kif diga gie ritenut, mhux kompitu ta'din il-Qorti biex tara jekk kienx hemm xi ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq, izda biss jekk tali stqarrija ghandiex tigi kkunsidrata bhala inammissibli jew le. L-akkuzat ma ressaqx allegazzjonijiet ta' vulnerabilita', lanqas ma ressaq allegazzjonijiet fosthom dwar il-mod ta' kif giet rilaxxata l-istqarrija, jew allegazzjonijiet ohrajn li jsegwu fil-kawza ta' Beuze v. Belgium u li gew citati supra.**

**Kif gia gie enfasizzat sal-lum il-gurnata, l-Qrati ghadhom jiehdu direzzjonijiet kunfliggenti, stat li qieghed iwassal ghal incertezza. Il-Qrati f'xi waqtiet qeghdin iqisu li l-istqarrija ma ghandhiex tithalla fil-process, filwaqt li f'xi waqtiet il-Qrati qeghdin iqisu li l-Qorti ma tistax a priori tqis li stqarrija rilaxxata minghajr ma persuna kellha dritt li jkollha Avukat prezenti bhala prova inammissibbli minghajr ma jkun hemm provvediment fil-ligi li jeskludi tali prova. Din il-Qorti tenfasizza li jehtieg li jkun hemm direzzjoni cara inkluz linji gwidi sabiex din is-sitwazzjoni tigi rimedjata**

**.....**

**Hija s-sottomissjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li minhabba fis-sentenzi hawn fuq citati, jirrizulta kjarament divergenzi assoluti fl-interprettazjonijiet moghtija mill-istess Qrati nostrana u cioé l-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Superjuri), li, fin-nuqqas ta' Qorti ta' Kassazjoni, il-Qorti Kostituzzjonali għandha hi d-dmir li tnehhi kull incertezza u certament mhux tkun tikkreja hi tal-istess.**

**Illi ghal darba ohra din il-Qorti qed tenfasizza illi m'ghandiex kompitu tiddecidi kienx hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq, madankollu ghandha kompitu li tiddecidi fuq l-ammisibilta' o meno tal-istqarrija tal-akkuzat u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-overall fairness tal-proceduri.**

**B'referenza ghal punti elenkati f'Beuze aktar il-fuq, fost ohrajn, jirrizulta illi l-akkuzat kien maggorenni u ma ngghabet l-ebda prova li dan b'xi mod jista' jiġi kkunsidrat bhala vulnerabbli. Ma jirrizultax illi c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienet intimidanti u l-istess stqarrija inghatat volontarjament.**

**Irid jiġi enfasizzat illi meta l-akkuzat irilaxxa din l-istqarrija, il-ligi taghna ma kinietx tipprovdi ghad-dritt ta' l-assistenza legali qabel u waqt l-interrogazzjoni. Hawn hekk il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenzi sucitati fosthom Borg vs Malta u Navone and Others v. Monaco fost ohrajn, fejn gie ritenut illi jekk l-akkuzat/suspettat ma bbenifikax**

**mid-dritt ta' l-assistenza legali minhabba systematic restriction, allura jirrizulta ksur ta' Artiklu 6 ta' Konvenzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.**

**Din il-Qorti tinnota illi ma gewx imressqa xi ragunijiet impellanti - "compelling reasons" - sabiex l-akkuzat ma jithalliex ikollu avukat prezenti kemm qabel u kemm waqt l-interogazzjoni tieghu u stante li l-unika raguni kienet ta' restrizzjoni sistematika.**

**Fl-istqarrija tieghu l-akkuzat Sammut qieghed jaghti rendikont dettaljat, fejn fih qieghed jammetti l-involviment tieghu fir-reati li permezz taghhom qieghed jigi akkuzat. Ghaldaqstant u minghajr ebda dubju, din l-istqarrija thalli mpatt sinifikanti fuq il-proceduri kontra l-akkuzat.**

**Issir referenza ghas-sentenza ricenti moghtija minn din l-istess Qorti kif preseduta fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi, liema sentenza ma ġietx appellata mill-Avukat Ġenerali, fejn il-Qorti ccitat id-diversi sentenzi msemmija f'din l-istess sentenza u wara li gibdet l-attenzjoni dwar id-divergenzi tas-sentenzi moghtija fuq dan is-suggett u l-importanza tal-legal certainty, ikkonkludiet billi ddikjarat l-istqarrija ta' l-akkuzat inammissibli u sussegwentament talbet l-isfilz taghha. Din is-sentenza giet segwita wkoll b'zewg sentenzi ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Yousef Essesi u Il-Pulzija vs Kevin Tabone li gew decizi bl-istess mod.**

**Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat hija leziva tad-drittijiet tal-akkuzat, in vista tal-fatt li l-Qrati ghadhom sal-lum il-gurnata jaghtu direzzjonijiet differenti dwar stqarrija li giet mehuda minghajr ma l-akkuzat kellu assistenza legali, kemm qabel, kif ukoll waqt l-istqarrija, fl-interess tal-gustizzja u l-integrita' tal-process, din l-istqarrija hekk rilaxxata fid- 9 ta' Settembru, 2009 f' 16.54pm u tinsab a fol 31 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, kif ukoll L-istess stqarrija li giet igguramentata mill-akkuzat nhar 14 ta' Settembru, 2009 quddiem il-Magistrat Antonio Micallef Trigona u li tinsab a fol. 83 tal-process u kull referenza ghaliha, ghandhom jigu ddikjarati inammissibli."**

**3**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali ħassu aggravat minn dan il-pronunzjament ta'l-Ewwel Qorti u dan għaliex, fil-fehma tiegħu, l-iżvilupp fil-liġi u l-ġurisprudenza li jirregola l-materja tal-vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq meta dikjarazzjonijiet ikunu magħmula minn persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat mingħajr id-dritt li jkun assistit minn

avukat jindika illi, sakemm il-proċess ġudizzjarju ma jkunx wasal fit-tmiem tiegħu, ma huwiex possibbli jkun stabbilit jekk tkunx seħħet dik il-leżjoni. Dan għaliex għandu isir eżami tal-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu u huwa biss minn din l-ottika li jista' jkun stabbilit jekk dik il-leżjoni tkunx avverat ruħha. Jisħaq l-Avukat Ġenerali illi l-istqarrija kienet rilaxxat skont il-liġi viġenti fiż-żmien rilevanti u kwindi ma jistax jitqies li m'għandhiex valur probatorju fit-termini ta'l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali. *Di piu'* l-istqarrija kienet ikkonfermata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fejn l-appellat reġa' ingħata il-jeddijiet skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Dan apparti illi jisħaq li l-istqarrija mhijiex l-uniku prova li hemm fl-atti u li din hija korroborata minn provi oħra inkluż is-sejbien mill-pulizija ta' kwantita' kbira ta' droga, element li fil-fehma tal-appellant iqanqal interess pubbliku qawwi fejn għandu jsir ġustizzja mhux biss mal-appellat, iżda mas-soċjeta in ġenerali. Dan iwassal sabiex l-elementi elenkati fit-test stabbilit fis-sentenza *Beuze* u oħrajn li ġew wara, jinsabu kollha sodisfatti biex b'hekk l-eżami tal-*overall fairness* huwa superat.

**4**. L-appellat jilqa' għall-aggravji imressqa mill-Avukat Ġenerali fuq erba' binarji. Fl-ewwel lok jikkontendi illi kemm l-istqarrija tal-appellat kif ukoll dik ġuramentata kienu minnu rilaxxati fiż-żmien meta huwa ma kellu ebda aċċess għall-assistenza legali għaliex il-liġi kienet tipprekludi dan id-dritt. Joġġezzjona għal fatt ukoll illi l-istqarrijiet ma ġewx meħuda *verbatim*, u lanqas irreġistrati permezz ta' meżżi awdjo-viżivi biex b'hekk lanqas ma jeżisti xi mezz ta' kontroll dirett fuq dak effettivament mistqarr mill-appellat. Fit-tielet lok, jaqbel mal-ħsieb tal-Qorti Kriminali illi l-istqarrijiet għandhom jkunu skartati għaliex b'din il-prova fl-atti ser tinsorġi il-probabbilita' ta' leżjoni tal-jeddijiet fondamentali tal-appellat. Finalment jagħmel referenza għal pronunzjament reċenti tat-18 ta' Novembru 2021 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fil-kawza *Ir-Repubblika ta'*

*Malta vs Rosario Militello* li wieġbet għall-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti Kriminali, wara sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 2021, fejn qieset illi ma huwiex indikat illi waqt il-proċess penali jsir użu minn stqarrija rilaxxata minn suspettat mingħajr il-presenza ta' avukat.

**Ikkunsidrat:**

**5**. Illi jibda biex jingħad, kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-principju regolatur dwar l-ammissibilita' ta'prova fil-proċess penali, illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tippreklud l-ammissjoni tagħha. Issa huwa ndubitat illi, fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kumissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa '*pre-trial*', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju.[3]

**6**. Illi l-pożizzjoni ta' dritt dwar it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran, kif tajjeb traċċat dettaljatament mill-Qorti Kriminali, ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat kien arrestat u interrogat lura fis-sena 2009 huwa ma kellux jedd għal ebda forma ta' assistenza legali, la qabel u wisq anqas waqt it-teħid tal-istqarrija. Illi kien biss fi Frar tas-sena 2010 li daħal fis-seħħ id-dispost tal-liġi li kien jagħti jedd lil persuna suspettata li tikkonsulta avukat għal siegħa

[3]Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Artikolu 658 KK

qabel l-interrogatorju, bir-regola tal-inferenza tapplika fil-każ li is-suspettat jogħġbu jeżerċita d-dritt tiegħu għas-silenzju. Illi imbagħad seħħ bdil ieħor għal Kodiċi Kriminali u dan bit-trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, meta allura daħal fis-seħħ il-jedd tas-suspettat li jkollu avukat preżenti miegħu waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-investigatur. Illum fid-dawl tal-iżviluppi legali u ġurisprudenzjali, madanakollu, ma jistax jiġi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola esklużjonarja ta' dritt penali proċedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli, għalkemm sal-mument li ngħataw id-deċiżjonijiet fil-kawzi quddiem il-QEDB ta' *Beuze vs il-Belgju*, *Farrugia vs Malta*, *Stephens vs Malta*, u oħrajn fuq l-istess linja ta' ħsieb, il-qrati tagħna kienu qed japplikaw din ir-regola esklużjonarja għal dawk l-istqarrijiet fejn is-suspettat ma kellu ebda forma ta' assistenza legali, u dan in sewgitu għas-sentenza tal-QEDB *Borg vs Malta*.

**7**. Illi dan it-taqlib fil-pronunzjamenti magħmula mill-Qorti Ewropeja wassal sabiex ikun hemm deċiżjonijiet konfliġġenti ukoll fil-qrati tagħna b'mod ewlieni fil-Qorti Kostituzzjonali stess mal-medda taż-żmien fejn għalkemm il-qrati kellhom għall-ewwel iżommu ma' dak deċiż mill-QEDB fid-deċiżjoni ***Borg vs Malta***, madanakollu id-deċiżjonijiet reċenti mill-Qorti Ewropeja, kif hawn fuq imfisser, wasslu sabiex tfasslu regoli u kriterji ġodda li l-qrati għandhom jindagaw qabel ma jkun determinat jekk konfessjoni inkriminatorja mogħtija mingħajr l-assistenza legali hijiex leżiva tad-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq. Il-Qorti Ewropeja stqarret illi kull każ irid jitqies għalih billi jkun mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma ngħatatx assistenza legali qabel kienet mitkellma mill-pulizija setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-

proċeduri penali stitwiti kontra tagħha u dan billi jiġi applikat eżami doppju dwar, fl-ewwel lok jekk kien hemm xi raġunijiet impellenti 'il għala dik l-assistenza kellha tiġi miċħuda, u fit-tieni lok billi jigi eżaminat jekk il-proċeduri penali fl-intier tagħhom kenux leżivi tal-jedd tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq. Għal dan l-aħħar eżami jew *test*, il-QEDB elenkat diversi kriterji li jridu jkunu eżaminati sabiex jkun stabbilit jekk seħħitx il-leżjoni lamentata.

**8**. Illi minn eżami tas-sentenza appellata jidher illi l-Ewwel Qorti għamlet dan l-eżami stabbilit fis-sentenza *Beuze* u qieset li dan fil-maġġior parti tiegħu huwa superat. Madanakollu qieset illi ma kien hemm ebda raġuni impellenti 'il għala l-appellat kellu jkun mċaħħad minn dan il-jedd għajr għal fatt illi l-liġi, fiż-żmien rilevanti, kienet teskludi dan id-dritt, u wasslet għal konkluzjoni illi ġaldarba il-liġi u l-ġurisprudenza ma jagħtux linja gwida ċara fir-rigward tal-valur probatorju ta' dawn l-istqarrijiet, b'fehmiet kultant konfliġġenti mogħtija mill-qrati kemm maltin kif ukoll ewropej, din l-istqarrija kellha tkun mwarrba mill-atti u ma ssirx referenza għaliha waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**9.** Illi din il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti kumpilatorji li minnhom jemerġu ċ-ċirkostanzi li sawwru dan il-każ, b'mod partikolari dawk li wasslu lill-appellat jirrilaxxa l-istqarrija tiegħu lil pulizija, liema stqarrija kienet imbagħad ikkonfermata bil-ġurament ftit tal-ħin wara (u mhux kif indikat fis-sentenza appellata erbat ijiem wara) quddiem l-Inkwirenti fit-termini ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher illi minn xi jiem qabel l-appellat kien arrestat, il-pulizija kienu qed josservaw il-passi tiegħu u dan wara li kienu rċevew informazzjoni kunfidenzjali dwar traffikar ta' ammont sostanzjali ta' droga. Illi finalment ikunu mwaqqfa żewġ persuni ta' nazzjonalita barranija li lilhom l-appellat kien osservat jikkonsenja xi oġġett

suspettat droga. Fil-fatt meta l-pulizija jagħmlu tfittxija fil-kamra fejn kienu qed jirrisjedu dawn il-barranin ġewwa *Guesthouse* jinstabu erbatax-il blokka raza tal-cannabis. Sadanittant il-pulizija għamlu tfittxija oħra ġewwa villa fil-Madliena, fejn hemmhekk l-appellat, li kien jaħdem bħala ġardiner, kien ukoll intlemaħ idaħħal xi kaxxi suspettati droga. Minn din it-tfittxija jirriżultaw erba' kaxxi oħra tal-plastik suspettati droga cannabis. Għal ħabta tat-tmienja ta' fil-għaxija tal-jum tat-08 ta' Settembru 2009, il-pulizija jerħulha lejn id-dar tal-appellat fejn hemmhekk huma jkellmu lil ommu. L-appellat ma kienx id-dar, u l-pulizija jinkarigaw lil ommu biex iċċempillu u tgħidlu jmur lejn id-dar billi l-pulizija riedu ikellmuh. L-imputat ma jmurx mal-ewwel hekk kif jirċevi din it-telefonata. Jerġa' jċempel lil ommu w igħidilha li kien qed jibża' jmur lejn id-dar u beda jaħsibha jekk jirritornax hemm. Wara dan PS579 Antoine Micallef ikellem lill-appellat li jghid lis-surġent li kien jinsab konfuż u imbeżża' għaliex kien daħal ġo basla. L-appellat ma jmurx id-dar u jerġa' jċempel fejn jitlob li jkellem lis-Supretendent Neil Harrison u fil-fatt hekk jagħmel wara li jkun mgħoddi in-numru tas-Sur Harrison. X'diskors jingħad ma jirriżultax mill-atti billi Neil Harrison ma jixhidx quddiem l-Istruttur u lanqas huwa indikat bħala xhud fil-ġuri. Wara dan l-appellat jerġa' jċempel fejn ikellmu mill-ġdid PS579. L-appellat jerġa' jtenni li kien daħal f'basla ma' xi barranin. Wara dan ikellem għal darb'oħra lis-Sur Harrison. Igħid hekk PS579 fix-xiehda tiegħu:

***"L-ewwel meta morna d-dar, ommu ċemplitlu biex jiġi id-dar. Ma nafx x'qalilha. Ftit wara reġa' ċempel u qalilha li qed jibża' jiġi u mhux ser jiġi, dan x'qalet ommu. Imbagħad kellimtu jien u qalli ghax jien dħalt ġo basla u kien konfuż ħafna.***

***Imbagħad talab s-sur Harrison li jkellmu hu u infatti tlabna n-numru tiegħu u ċempillu u kellmu. Imbagħad reġa' ċempel u erġajt kellimtu u reġa' kellmu s-sur Harrison sakemm kkonvinċejnieh biex jiġi u fil-fatt ma tantx dam[4]."***

[4] Ara xiehda ta' PS579 Volume 1 tal-atti kumpilatorji paġna 40-45.

PC1319 Matthew Xuereb, li kien l-ewwel pulizija li kellem lill-appellat igħid hekk:

***"Wara qaluli biex immorru fir-residenza ta' Kevin Sammut li qed naghraf hawn hekk ġewwa Casa Sammut, Triq l-Imghazel, Swieqi, fejn ommu ċemplitlu biex jiġi d-dar għax il-pulizija riedu jkellmuh. Wara ftit tal-ħin ċempel hu fejn qalilha mhux ġej. U ghidtilha biex inkellmu. Kellimtu fejn jien għedtlu kemm ikellmek l-Ispettur, qalli le mhux vera għax għaddejt mill-area u rajt xi nies viċin il-villa. Hu spjegali wkoll li kien żamm xi xogħol ta' xi barrani u ma riedx jiġi. Kien ippanikjat. Kellmuh iktar nies minn naħa tagħna fosthom PS579. Wara ċertu ħin kkonvinċewh u ġie. X'ħin ġie morna fuqu. Ma offra ebda resistenza.[5]"***

**10**. Li jemerġi minn din ix-xiehda, kif ukoll mix-xiehda tal-membri l-oħra tal-pulizija involuti f'din l-investigazzjoni, hija li l-appellat kien fi stat konfużjonarju meta l-pulizija tallbuh biex ikellmuh in konnessjoni mas-sejba tad-droga, u l-pulizija jidher li tħabtu sakemm ikkonvinċewh jikkopera magħhom. Meta jasal id-dar PC Trevor Cassar Mallia jagħtih it-twissija. Wara dan l-appellat jammetti mal-pulizija illi ġewwa il-villa tal-Madliena kien hemm iktar droga u li kien ħeba ukoll xi droga f'bir f'għalqa. Il-pulizija jeħduh fuq il-post, kemm fil-Madliena kif ukoll fl-għalqa li semmielhom, fejn hu jindikalhom l-imkejjen fejn kien ħeba din il-kwantita' kbira ta' droga cannabis. Jindika ukoll lil pulizija il-post ġewwa l-Imġarr fejn huwa kien rema it-telefon ċellulari tiegħu, iżda meta jasslu hemmhekk flimkien mal-appellat dan ma jinstabx u mitlub jindika n-numru tiegħu, l-appellat igħid lil pulizija li ma jistax jiftakar in-numru. PS579 jindika fix-xiehda tiegħu illi l-appellat deher imfixkel u aġitat. Id-droga tiġi elevata u l-appellat jittieħed lejn id-depot fejn hemmhekk jiġi interrogat. L-appellat jirrilaxxa l-istqarrija tiegħu quddiem l-Ispettur Norbert Ciappara fid-09 ta' Settembru 2009 għal ħabta ta-ħamsa ta' wara nofsinhar (16:54), l-għada tal-arrest tiegħu, fejn reġa' mogħti it-twissija li mhux obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq jagħmel dan, imma dak li igħid jista' jinġieb bi prova, l-appellat jagħti

[5] Ara xiehda mill-atti kumpilatorji Volume 1 paġna 62 et seq.

rendikont dettaljat tal-involviment tiegħu f'din l-allegata konġura dwar traffikar ta' droga cannabis fejn anke jindika persuni oħra li kienu allegatament involuti f'dan iċ-ċirku. L-interrogatorju jintemm fit-tmienja u għaxra ta' fil-għaxija, b'Kevin Sammut jagħzel li jiffirma l-istqarrija minnu rilaxxata. Dak in-nhar stess, mhux magħruf bi preċiżjoni kemm wara , huwa jikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament quddiem l-Inkwirenti, wara li jingħata t-twissija għal darb'oħra, u l-għada jitressaq il-Qorti b'arrest.

**11**. Illi mingħajr ma qed tinoltra ruħha f'eżami tal-fattispeċje tal-każ, liema eżami għandu jkun mħolli interament f'idejn il-ġurati, l-Qorti traċċat l-*iter* li segwiet l-investigazzjoni tal-pulizija għaliex jirriżulta minn eżami ta'l-istess illi l-appellat f'qasir żmien jiġi mwaqqaf, arrestat u saħansitra jgħin lil pulizija fit-tfittxija għad-droga u dan mingħajr f'ebda ħin ma jkun assistit minn avukat, jew inkella mogħti żmien biex ifittex parir legali. Ma hemmx dubbju illi f'dan il-ħin qasir, kif *del resto* jindikaw l-uffiċjali tal-pulizija involuti f'din l-investigazzjoni, l-appellat kien ferm konfuż, anzjuż u imbeżża', tant illi l-pulizija kellhom jikkonvinċuh jikkopera magħhom. L-appellat jammetti l-involviment tiegħu u jassisti lil pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom.

**12**. Illi f'dan il-kwadru ta' fatti, huwa indubitat illi l-istqarrija *pre-trial* magħmula mill-appellat, kif sussegwentement minnu ġġuramentata, hija prova determinanti f'dan il-proċess penali u dan għaliex din hija inkriminatorja. L-appellat fil-mument li kien arrestat jidher li kien ferm vulnerabbli, għalkemm kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti kien raġel matur ta' tmienja u għoxrin sena. Kien konfuż, u anzjuż. Kien riluttanti meta mitlub mill-pulizija biex ikellmuh. Lanqas seta' jiftakar in-numru taċ-ċellulari li kellu. Ma hemmx dubbju illi l-appellat lanqas ingħata l-possibilita' jitlob li jkun assistit minn avukat, ukoll għaliex f'dak iż-żmien il-liġi ma kenitx tagħtih dan id-dritt. Jidher li kienu biss il-pulizija li bdew jippruvaw ikellmu

lill-appellat, x'diskors eżatt ingħad din il-Qorti ma tistax tgħid għaliex ma jirriżultax mill-atti, iżda żgur li l-appellat kien qed ikun mitlub jikkopera magħhom.

**13**. Illi dan kollu seħħ, kif ingħad, u kif anke stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, meta l-appellat ma kellu ebda dritt li jiddefendi ruħu permezz ta' xi forma ta' assistenza legali, bit-twissija li tingħata tkun dik vigenti skont il-liġi f'dak iż-żmien, u injar mill-konsegwenzi tal-mod kif kien qiegħed iwieġeb għal mistoqsijiet li kienu qed isirulu, seta' inkrimina ruħu u dan mingħajr ma kellu dik id-difiża adegwata. Dan jista' jisarraf f'preġudizzju irrimedjabbli għall-appellat għalkemm fl-Istruttorja kien debitament assistit kif ukoll fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa ser ikun assistit minn avukat u ser ikollu l-opportunita' iressaq id-difiża tiegħu. Illi allura, għalkemm l-istqarrija tad-09 ta' Settembru 2009 kienet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu huwa indubitat illi din il-prova li ittieħdet meta l-appellat ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu, hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellat wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid ikun iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-istqarrija rilaxxata mill-appellat lil pulizija, u ftit tal-ħin wara ġġuramentata quddiem l-Inkwirenti, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellat ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq f'mument meta huwa kien vulnerabbli, u ma kienx assistit, kif indikat iktar 'il fuq, u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod ikunu sanati anke jekk l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx

ser jivvizjaw l-istqarrija magħmula mill-appellat miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellat f'każ li l-istess tkun ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-appell ta'l-Avukat Ġenerali qed ikun miċħud u is-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali għal kontinwazzjoni tal-proċess penali kontra l-akkużat.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti**